**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**(Spettur Jeffrey Rizzo)**

**-vs-**

**Samantha Ann Degiorgio, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 0435293M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 646/2022*

Illum, **10 ta' Lulju, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Samantha Ann Degiorgio** u ċioè talli:

> Nhar l-04 ta' Ġunju, 2022, għall-ħabta tat-08:00hrs u/jew fil-ħinijiet ta` qabel, ġewwa dawn gżejjer, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew jqiegħdu il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunat feriti ta natura gravi fuq il-persuna ta' Ferdinand Oclida Catacutan, skond kif iċċertifikat minn Dr. Patrick Huhn (Med Reg 2849) mill-Floriana Health Centre;
>
> U aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi, ħassart jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u cioe għamilt hsara volontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BUS183 tal-ghamla King Long, ghad-dannu ta' Malta Public Transport Services (Operations) Ltd u/jew ta' persuni jew entitajiet ohra, liema ammont tal-hsara hu iżjed minn mitejn u ħamsin euro (250) izda ma jiskorriex l-elfejn u ħames mitt euro(2,500),

Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza, cioe' Ferdinand Oclida Catacutan jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skond kif jipprovdi l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u il-Qorti hija gentilment mitluba ukoll sabiex tordna lill-imputat ihallas id-danni ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9, tal- Ligijiet ta' Malta.

<u>Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024</u>.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fis-16 t'April, 2024.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputata wieġbet li hi ħatja għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħatat żmien xieraq sabiex jekk ried terġa lura minnha u dan anke billi ikkonsultat mal-legali tagħha hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħha, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputata, tal-fatt li wriet kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-fedina penali netta tagħha w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ partikolarment li dan il-każ jirrisali għas-sena 2022 fejn id-dewmien biex jinbeda ċertament ma jistax jiġi attribwit lill-imputata jew lill-Prosekuzzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 18, 31, 214, 215, 216 u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn (2) millum.

A tenur tal-Artikolu 22(3) tal-istess Att, qabel ma ngħata dan l-Ordni, il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltrè a tenur tal-Artikolu 15A(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-imputata tagħmel kumpens lil Malta Public Transport Services (Operations) Ltd. fl-ammont ta' sitt mija u disgħa Ewro u seba' u erbgħin ċenteżmu (€609.47c)fi żmien sena millum.

Dan l-Ordni jista' jiġi infurzat bl-istess mod bħallikieku dan ingħata f'azzjoni ċivili bejn il-ħatja w il-parti leża.

A tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' għal żmien sentejn millum.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**